MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 1932/2005

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru, 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru :** 1932/05ISB

Suncrest Hotels p.l.c. (C8643)

Vs

Sullivan Shipping Agencies Limited (C2923)

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz pprezentat fl-1 ta’ Dicembru 2005 fejn is-socjeta` attrici ippremettiet illi bieghet lis-socjeta` konvenuta servizzi ta’ akkomodazzjoni u servizzi ancillari minnha mitluba, bi prezz globali ta’ erba’ mija u tmintax-il-Lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm418.95) u illi minkejja li giet interpellata is-socjeta` konvenuta, dan l-ammont baqa` ma thallasx, u allura kienet qed titlob ghall-kundanna tal-hlas ta’ l-istess somma msemmija, bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

Ra r-Risposta tas-socjeta` konvenuta li permezz taghha eccepiet (1) Illi t-talba tas-socjeta` attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2147(b) tal-Kap 16, (2) Illi, minghajr pregudizzju ghas-sudett, is-somma ma hijiex dovuta stante illi qatt ma giet ordnata mis-socjeta` konvenuta u (3) dan, salv eccezzjonijiet ohra.

Ra x-xhieda ta’ Joseph Gouder in rapprezentanza tas-socjeta` attrici moghtija fit-12 ta’ Lulju 2006;

Ra d-dikjarazzjonijiet tad-difensuri tal-partijiet maghmula fil-verbal tat-12 ta’ Gunju 2006 fejn it-tnejn stqarrew illi kienu qed jistriehu fuq ix-xhieda ta’ Joseph Gouder bhala provi dwar l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni, u awtorizzaw lit-Tribunal jghaddi ghad-decizjoni;

Ikkunsidra :

Illi fix-xhieda tieghu, Joseph Gouder in rappresentanza tas-socjeta` attrici qal illi filwaqt illi kien qed jikkonferma Dok A, s-servizz illi s-socjeta` attrici rrendiet lil dik l-konvenuta u li tieghu kien qed jintalab il-hlas permezz ta’

dawn il-proceduri kien rez f'Gunju 2000. Joseph Gouder qal ukoll illi ittra ufficcjali ntbaghtet biss ftit qabel gew intavolati dawn il-proceduri u ma kien sar ebda hlas akkont.

Illi l-Artiklu tal-Ligi citat fl-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta huwa l-Artiklu 2147(b) tal-Kap 16 – u cioe` illi l-azzjoni ta' sid ta' lukanda, taverna jew allogg ghall-allogg u ghall-ikel li jaghtu hija preskritta bl-eghluq ta' sena.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi s-servizz rez lis-socjeta` konvenuta jmur lura ghal Gunju 2000;

Illi ma ngiebet ebda prova da parti tas-socjeta` attrici illi l-perjodu ta' sena preskrizzjoni gie b'xi mod miksur kif trid il-Ligi, anzi jirrizulta illi saret ittra ufficcjali ftit qabel giet ntavolata l-kawza (1/12/05) u qatt ma sar hlas akkont jew kien hemm accettazzjoni ta' l-istess kont jew b'xi mod jew iehor is-socjeta` konvenuta accettat il-kont kif trid il-ligi.

Ghaldaqstant, in vista ta' dak li irrizulta u wara illi ha konjizzjoni ta' l-atti kollha u c-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, jiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ai termini tal-Artikolu 2147(b) tal-KAP 16 u jichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------